**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 59 – IT-TNEJN 14 TA' DIĊEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Kif bdiet il-laqgha s-Sindku Anthony Dalli feraħ lill-Kunsillier il-ġdid , is-Sur Carmel Caruana li ġie elett fil-bye-election tas-6 ta' Diċembru 2010.
Kmieni wara nofs in-nhar kien ħa l-Ġurament tal-Ħatra u għaldaqstant kien qed jattendi għall-ewwel darba l-laqgħa tal-Kunsill.
Is-Sur Dalli awguralu ħidma u suċċess fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' l-Iklin.

Il-Kunsilliera kollha preżenti tawh l-istess awgurju u ferħulu tal-ħatra ġdida tiegħu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tmienja u ħamsin (58) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju

Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it 23 ta' Novembru u l-14 ta' Diċembru 2010.

2.2 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 3095/10. Ditta li għandha stabbiliment fl-Iklin ilmentat fuq it-tabella tar-'Residents Parking' u qalet li dawn bħala sidien m'għandhomx fejn jipparkjaw u qed jaqilgħu ħafna kontravvenzjonijiet.

2.3 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3108/10. Din kienet mistoqsija Parlamentari PQ 21526 dwar kemm swew l-attiviatajiet sportivi taħt l-iskema Kunsill Malti għal-Isports.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3144/10. Din kienet talba għall-informazzjoni dwar x'attivitajiet jagħmel il-Kunsill Lokali għall-anzjani

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-23 ta' Novembru u Il-14 ta' Diċembru 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru.135621, (Triq Ġuże` Bonnici) 135946 (Triq il-Ħwawar),136022 (Triq Ġuże' Ellul Mercer) ,136393 (Triq Ġuże` Pesci) ġew irrapurtati minnufih.

3.3 Rigward ilment 23/11-1 minn residenta minn Triq il-Mużika li quddiem il-garaxx tagħha l-kaxxa m'hiex kbira biżżejjed u qed issibha diffiċli biex tidħol bil-vann meta jipparkjaw il-vetturi viċin. Il-Kunsill sejjer jara x'jista' jsir.

3.4 Rigward talba Nru. 29/11-1 biex isiru l-parking-bays fi Triq Mons. P.P. Saydon għaliex kulħadd jipparkja bl-addoċċ. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara x'jista' jsir.

3.5 Rigward ilment Nru. 09/12-1 li quddiem dar ta' residenta minn Triq Stefano Erardi tkissret il-bankina minn kuntrattur li

qed jibni maġenba. Il-Kunsill sejjer jara min hu dan il-kuntrattur u jġiegħlu jerġa jagħmilha kif kienet.

3.6 Rigward ilment Nru. 14/12-1 li fi Triq il-Bruka hemm bżonn isir xi ħaġa madwar l-għalqa li hemm fin-niżla għaliex qegħda perikoluza ħafna mingħajr ilqugħ. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara kif għandu jimxi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronald Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05720/09. Casa Bonnici, North & South House, Triq il-Wied. Alterazzjonijiet fuq dar eżistenti semi-detached, u bini ta' sular ieħor. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar PA 03469/10. 77, Faraġ, Triq Stefano Erardi. Tibdil fil-permess PA 4514/09. Alterazzjonijiet fuq id-dar eżistenti biex isir maisonette fis-sular mat-triq, u maisonette fuq l-ewwel sular. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.4 Dwar PA 03256/10. Villa Marbella, 3, Triq Enrico Naudi. Bini ta' garaxx fil-basement u store domestiku, estensjoni tal-bungalow eżistenti, bini ta' kamra għal-pompa, u bdil ta'l-elementi fuq il-faċċata. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Dwar PA 03497/09. Vertraun, Triq Tal-Balal. Applikazzjoni "Outline" biex tinħatt dar fi stat perikoluz, u bini mill-ġdid. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.6 Kien hemm applikazzjoni ġdida:
PA 04531/10. Biex tiġi approvata villa kif inbniet. Sit fi Triq il-Gharghur.

## 6. ANDAMENT TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITA'

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli tkellem fuq il-Laqgħa tal-Lokalita' li saret il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2010 fis-Sala tal-Kunsill.

Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li l-ilmenti jiġu għall-attenzjoni tal-Kunsill f'seduta oħra

## 7. PREPARAZZJONI GĦALL-BUDGET 2011.

7.1 Is-Sur Anthony Dalli ħabbar li kien wasal iż-żmien biex infasslu l-Budget għas-sena d-dieħla. Dan seta' isir wara li saret il-Laqgħa tal-Lokalita'

7.2 Is-Sur Dalli irrefera għad-Draft Budget li kien lesta is-Segretarju u qal li dan kien biss indikazzjoni; peress li l-Kunsull ma kienx għadu 'rċieva l-allokazzjoni għas-sena d-dieħla, il-figuri kienu għadhom proviżorji.

7.3 Hu talab lill-Kunsilliera biex jaħsbu ftit fuq xi xogħlijiet jew tisbieħ li xtaqu jaraw fil-lokalita' tagħna u jinfurmaw lis-Segretarju jekk ikollhom xi proposti.

## 8. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 4/10.KNIS TAT-TOROQ.

8.1 Is-Sur Dalli ħabbar lil-Kunsill Lokali kien irċieva tlett offerti fuq it-Tender tal-Knis kif jidhru hawn taħt:

| | Somma Globali | Extra Urban | Extra Non-Urban |
|---|---|---|---|
| a) Salvu Mifsud | €12811 - | €200. | €200 |
| b) Alex Fenech | €12190 – | pro rata ta' item 1. | 0.17c per metre run |

| | Somma Globali | Extra Urban | Extra Non-Urban |
|---|---|---|---|
| c) V & C Contract. | €25420 - | rata meta taqbes 2000mtrs. | rata taqbes 2000mtrs. |

8.2 Wara diskussjoni dwar l-offerti u l-esperjenza tal-Kuntrattur il-Kunsill b'mod unanimu għażel lis-Sur Alex Fenech ( Euro Clean Waste Services) peress li kienet l-aktar offerta vantaġġuża.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Is-Sur Dalli beda biex ħabbar li għandha ssir laqgħa mal-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tagħna fl-10 ta' Jannar 2011 wara li tispiċċa l-laqgħa tal-Kunsill.

9.2 Kien xieraq li xahar wara l-mewt ta' l-ex Kunsillier Joseph Camilleri issir quddiesa għar-ruħu. Nistiednu wkoll lir-residenti permess ta' flyer biex jattendu għal din it-tifkira.

9.3 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għar-Rapport tas-SEAP li kien tlesta minn kumpanija lokali fejn taw ir-rikomandazzjonijiet tagħhom kif jistgħu jitnaqqsu l-emissjonijiet fil-lokalita' tagħna.
Is-Sur Dalli kien qed jipproponi li nintroduċi proġett bir-roti fejn r-resident jagħmel użu mir-rota minn post ċentrali fl-Iklin u jagħmel il-qadi tiegħu madwar l-Iklin.
Għal dan il-skop il-Kunsill qed jaħseb biex jdaħħal Bye-law fejn jagħti prijorita' lir-rota fil-lokalita', jagħmel taħdidiet fuq is-saħħa bl-għajnuna ta' l-istess Ditta li ppreparat ir-rapport.

9.4 Semma li xi residenti talbu biex issir in-Neighbourhood Watch peress li dan l-aħħar kien hawn ħafna serq.
Is-Sur Dalli qal li kien qed jara kif din tista' ssir u qal li sejjer jitlob laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija mill-Għassa ta' Birkirkara biex flimkien jaraw kif jistgħu jissorveljaw aħjar il-lokalita' tagħna.

9.5 Is-Sindku qal li la darba kellna Kunsillier ġdid, irid jiżdied l-isem tal-Kunsillier Carmel Caruana fuq l-irħama li għandna ġewwa l-Kunsill u tingħalaq is-sena tal-Kunsillier Joseph Camilleri.

9.6 Is-Sur Dalli qal li hemm bżonn li jiżdied id-dawl f'diversi postijiet. Hemm bżonn li ssir bozza ġdida ħdejn il-ħwienet Pjazza Ninu Cremona kantuniera ma' Triq Patri Anastasju Cuschieri. Trid tispostja ruħha bozza li hemm mal-ħajt fuq għal fuq arblu faċċata tal-garaxx il-ġdid tal-Knisja. Oħra trid issir fuq il-Keune fi Triq San Mikiel.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Il-Kunsillier Ronald Cauchi talab biex jagħmel l-intervent tiegħu.

a) Beda biex irrefera għar-Rapport tas-SEAP fejn qal li l-istatistiċi jirreferu għas-sena 2005. Il-Kunsill għandu jitlob statistiċi aktar reċenti.
b) Għandna nistaqsu jekk hux possibbli li nġibu fondi mingħand il-MEUSAC.
c) Isir survey biex jara kemm hemm "photovoltaic panels '

fid-djar fl-Iklin.

d) Jitħawwlu siġar fi Triq l-Klin.

10.2 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.45pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011 fil- 5.30pm.

10.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011 fil- 5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.